# Il-Ħadd 14.06.2015

1. Illum 14/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù -** *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*:
   - Fl-10:00am - Il-Quddiesa tkun animata mill-Grupp Kariżmatiku 'Resurrexit' taż-Żurrieq;
   - Mill-10:45am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi u l-Kor 'Sine Macula';
   - Fis-6:00pm - Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù animata mill-Kor 'Sine Macula';
   - Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-att ta' konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-Zuntier, u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. Il-Purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

2. It-Tlieta 16/06:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.
   - Mis-7:30pm 'il quddiem, fil-ġnien Dun Karm Vella ser isir Talb ta' Tifħir u għall-Fejqan, animat mill-Grupp Kariżmatiku 'Resurrexit', taż-Żurrieq. Kulħadd mistieden.

3. Il-Ħamis 18/06:
   - Filgħaxija ser ikollna Ħarġa: ser nmorru nżuru l-Laboratorju tal-*Atelier del Restauro* fil-Mosta fejn inkunu nistgħu nosservaw il-proċess ta' restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Quddiesa tas-6:30pm fil-knisja tagħna, nitilqu lejn il-Mosta fis-7:00pm u wara Ikla l-Mosta stess. Inkunu lura għall-11:00pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

4. Is-Sibt 20/06:
   - Il-Kan. Louis Farrugia u l-Kan. Ivan Scicluna, 2 saċerdoti li jgħinnu fil-parroċċa tagħna, ser jiċċelebraw it-12-il sena minn mindu saru saċerdoti (20/06/2003). Nifirħulhom u nawgurawlhom, waqt li nwegħduhom it-talb tagħna.
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min bi ħsiebu jattendi jinforma.

5. Il-Ħadd 21/06 – ***Jum il-Missier***:
   - Fis-7:00pm, Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fis-6:00pm fil-knisja parrokkjali)*.

6. Avviżi oħra:
   - Qed jiftħu applikazzjonijiet għall-Korsijiet offruti mill-Fakultà tat-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta, kif ukoll mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali bbażat fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Dettalji jinkisbu mis-sagristija, fejn għandna diversi brochures relatati jew mill-websites rispettivi (www.um.edu.mt/theology/prospectus u www.maltapfi.org).
   - L-Għaqda għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes qed torganizza l-pellegrinaġġ Nazzjonali bejn it-18 u l-24/07/2015 u tavża li fadal xi postijiet. Min hu interessat iċempel il-Kurja u jistaqsi għal Dun Mario Camilleri biex jingħata aktar dettalji.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 305 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 85 b'risq ir-restawr ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.